## 175 SENA FOSTNA

# DUN NIKOL VELLA

### (17 T'APRIL 1765 - 20 TA' ĠUNJU 1850)

### KAPPILLAN BEJN L-1803 U L-1850

## IL-KAPPILLAN LI FI ŻMIENU NĠABET L-ISTATWA

175 SENA FOSTNA

Nikol Vella jew aktar eżatt Nikol Ġużeppi kif insibuh imniżżel fir-reġistru tal-magħmudija, twieled fil-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Għarb f'Għawdex fis-17 ta' April 1765 lil Pawlu u Franġiska mwielda Gauci.

Pawlu u Franġiska kienu żżewġu fit-12 t'Awwissu 1754. Insibu dokumentat fir-reġistri tal-Parroċċa tal-Għarb li ommu Franġiska (bint Ġużepp Gauci) kienet diġà armla b'żewġ ulied (Angelica u Rosa) mill-ewwel żwieġ tagħha ma' Mikiel Mizzi meta daħlet għal dan it-tieni żwieġ.[1]

Dun Nikol kien is-seba' wild fil-familja fost tmienja. Irridu ngħidu però li wħud minn ħutu mietu ftit wara li twieldu. F'ordni kronoloġika l-ulied kienu dawn: Clementia (14 ta' Marzu 1755), Clementia (16 ta' Jannar 1756), Cosimo (4 ta' Lulju 1758), Clementia (12 ta' Frar 1760), Giovanni Battista (22 ta' Jannar 1762), Govanna (26 ta' Jannar 1763), Nikola Ġużeppi (17 t'April 1765) u Anna (21 ta' Mejju 1767) li kienu jsejħulha bit-tielet isem tagħha Ġużeppa.

Kif kienet in-norma dak iż-żmien, huwa tgħammed fl-istess jum ta' twelidu f'dik li llum hi l-Kolleġġjata, Matriċi u Bażilika tal-Għarb mill-Kappillan Dun Lawrenz Axiaq.[2] Wieħed mill-parrinijiet fil-magħmudija tiegħu kien zijuh Dun Nikol, ħu missieru, li inċidentalment kien ukoll saċerdot u saħansitra bl-istess isem tiegħu. Irċieva l-Griżma tal-Isqof fit-30 ta' Settembru 1773 mill-Isqof Mons. Giovanni Pellerano. F'dan is-sagrament il-parrinu tiegħu kien il-Kappillan Lawrenz Axiaq.


Die XVII ejusdem
Die XIX ejusdem

*Isem il-Kappillan kif insibuh fir-reġistru tat-twelid*



Tfulitu u żgħożitu ma kinux mill-aktar feliċi. Ma tantx kellu x-xorti jgawdi lill-ġenituri tiegħu. Fil-5 ta' Diċembru 1774, fl-età tenera ta' 9 snin kien diġà tilef lil missieru Pawlu u lil ommu Franġiska tilifha meta kellu biss 25 sena, disat ijiem biss wara li ġie ordnat saċerdot. Fil-fatt huwa ġie ordnat saċerdot fit-13 ta' Diċembru 1790 mill-Isqof Mons. Labini u ommu ngħaqdet mal-Ħallieq fit-22 ta' Diċembru fl-età ta' 69 sena.

Meta Dun Nikol Vella, għamel il-konkors biex jinħatar kappillan tal-Parroċċa tax-Xewkija, kiteb hekk fuqu nnifsu:

> "Għallimt it-tagħlim Nisrani lit-tfal għal għaxar snin fil-knisja filjali ta' San Ġakbu. Għal għaxar snin oħra għallimt l-iskola, parti fid-dar tiegħi u parti oħra fil-Kulleġġ ta' Għawdex. Tajt is-servizz tiegħi għal sentejn flimkien ma' saċerdoti oħra fil-knisja ta' San Ġorġ. Għamilt l-eżerċizzji spiritwali fil-knisja ta' San Ġakbu; ippritkajt kemm-il darba n-novena tal-Milied u għamilt ukoll il-ġimgħat ta' qabel il-festa tad-Duluri, mingħajr ħlas, fl-istess knisja.

Wettaqt l-appostolat tiegħi fil-qasam tal-predikazzjoni u tal-qrar f'diversi knejjes oħra ta' Għawdex. Għal erba' snin sħaħ u b'sagrifiċċju, kull nhar ta' Ħadd, kont immur bil-mixi mill-Għarb, inqarar u nqaddes fil-knisja ta' Santa Luċija, Kerċem, mingħajr ħlas.

Għamilt tliet konkorsi għall-kappillan. Dan għamiltu biex nobdi lis-superjuri tiegħi, mhux biex nieħu l-ħarsien u t-tmexxija tal-erwieħ f'idejja."[3]

Ir-rabta ta' Dun Nikol mar-raħal tagħna bdiet fit-12 ta' Ġunju 1803 meta huwa ġie maħtur Vigarju-Kurat tal-Parroċċa tax-Xewkija u ftit wara Kappillan sabiex ikompli l-ħidma tal-predeċessur tiegħu Dun Franġisk Mizzi. Kienet rabta li kellha tkun waħda twila. Dam Kappillan sal-1850, dan ifisser parrokat ta' 47 sena. Nafu li għammed l-ewwel tarbija fix-Xewkija fis-7 ta' Ottubru 1803.

Kienu bosta l-opri li wettaq fil-parroċċa tagħna. Fost dawn insemmu biss dawk prinċipali:

- Fl-1830 bena l-koppla tal-knisja.
- Fl-1837 bena l-kappella ta' Santa Teodora, magħrufa aħjar bl-isem tad-Duluri, mill-flus tal-wegħdiet li saru fi żmien l-imxija tal-kolera ta' dik is-sena li kienet ħalliet bosta vittmi anke fir-raħal tagħna.
- Fit-22 ta' Lulju 1838, il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu li llum jinsab fil-kappella Ta' Ħamet, kien telaq proċessjonalment mill-parroċċa tagħna qabel ma tqiegħed f'postu fl-imsemmija kappella.
- Fis-17 ta' Novembru 1844 kienet saret it-translazzjoni b'mod solenni tal-korp sant ta' Santa Teodora, mill-kappella ta' San Bert għall-knisja parrokkjali. Dan kien inġab fl-1836 mill-katakombi ta' San Kallistu f'Ruma permezz ta' bastiment tal-qlugħ minn Franġisk Busuttil li ħallas ukoll l-ispejjeż.[4]
- Fl-1849 huwa kien ikkummissjona l-qanpiena ż-żgħira. Fi żmien l-Arċipiret Dun Ġużepp Grech, din il-qanpiena kienet ġiet imġedda mill-fabbrika ta' Pacard fi Franza.
- Iżda bla dubju l-aktar li jibqa' magħruf għalih hu l-fatt li fi żmienu nġabet l-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista. Kien propju fit-22 ta' Ġunju 1845, meta issa kellu 80 sena meta ra l-ħolma tiegħu u tal-poplu Xewki titwettaq.[5] Feraħ mhux ftit meta dakinhar seta' jilqa' bi ħġaru l-istatwa ta' San Ġwann Battista, skolpita fl-injam mill-Iskultur Mastru Pietru Pawlu Azzopardi.

Isem il-Kappillan Dun Nikol baqa' msemmi wkoll b'rabta mal-att erojku tiegħu meta fl-1813 Għawdex intlaqat mill-flaġell tal-pesta. Kien hu li wissa lill-awtoritajiet ċivili biex jagħmlu għassa ħarxa max-



xtajtiet speċjalment billejl bil-għan li ma jħallix l-pesta tagħmel straġi fil-gżira Għawdxija wkoll.[6] Għalkemm il-pesta kienet ikkontrollata nafu li xorta waħda kienu mietu mija u erba' persuni f'Għawdex.

Meta l-piż tal-età kien qed jagħfas fuqu, huwa sab l-għajnuna ta' neputih Dun Pawl Grech li fis-27 ta' Novembru 1844, inħatar Vigarju-Kurat tiegħu. Aktar tard Dun Pawl serva bħala l-kappillan warajh. L-aħħar magħmudija tiegħu hija datata fl-1 ta' Mejju 1845.

Il-Kappillan Dun Nikol ingħaqad mal-Mulej fl-20 ta' Ġunju 1850 fl-għomor sabiħ ta' 85 sena. Sarlu funeral mill-aqwa fejn Patri Fidiel Mariani, Kapuċċin niseġ l-eloġju funebri.

Huwa ġie midfun fil-knisja parrokjali tax-Xewkija.

**Riferenzi:**

1 Arkivju tal-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Għarb, *Liber Matrim. Vol I*, pg 413
2 Arkivju tal-Parroċċa tal-Viżitazzjoni tal-Għarb, *Liber Baptizatorum* Vol 2, pg 46
3 Patri Sefafin Borg, Gourgion 1994, *Xi wħud mill-Kappillani u Arċiprieti tax-Xewkija, jitkellemu fuqhom infushom*, paġna 9
4 Arkivju tal-Parroċċa San Ġwann Battista, Xewkija: *La Solenne Translazione del Corpo di Santa Teodora M. nella Chiesa Parrochiale di Casal Xeuchia.*
5 Arkivju tal-Parroċċa tax-Xewkija: *LaSolenne Translazione della Nuova Statua di San Giovanni Battista, il di' 22 Giungo 1845.*
6 Arkivju tal-Kurja t'Għawdex: Il-Kappillan Dun Nikol Vella fis-27 ta' Mejju 1813 ilmenta f'ittra tiegħu li hu bagħat lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi u ċivili fejn hu qalilhom li l-port t'Għawdex baqa' ftit traskurat fi żmien il-pesta.